# QORTI CIVILI PRIM'AWLA

## ONOR. IMHALLEF TONI ABELA LL.D.

**Illum, l-Erbgha, 13 ta' Marzu, 2019**

**Mandat ta' Inibizzjoni Numru 232/19TA**

**Joseph Avellino**

**vs**

**Maria Dolores Muscat u Rosa Muscat**

**Il-Qorti:**

Rat ir-rikors ta' Joseph Avellino tal-20 ta' Frar 2019;

Rat id-digriet taghha tal-20 ta' Frar 2019;

Rat ir-risposta tal-intimati Muscat tas-27 ta' Frar 2019;

Rat id-dokumenti kollha li jinsabu fl-atti tar-rikors;

Semghet ix-xhieda tar-rikorrent u dik tal-Perit Louis Borg fis-seduta tas-6 ta' Marzu 2019;

Rat l-atti kollha tar-rikors u semghet lill-abbli difensuri tal-partijiet jittrattaw ir-rikors fis-seduta tas-6 ta' Marzu 2019;

Rat li rikors thalla ghal digriet in camera.

**Ikkunsidrat**

Il-fatti huma fis-semplicita` taghhom is-segwenti. L-intimati jridu jaghmlu xi xogholijiet fil-fond taghhom 10 gja` 7, Triq il-Kbira, Siggiewi. Ghandhom f'idejhom il-permess tal-Awtorita` tal-Ippjanar ghal dan l-izvillupp, li fost ohrajn jinkludi d-demolizzjoni ta' hajt divizorju u kif ukoll ic-caqliq ta' katusi ghaddejjin mill-propjeta` tal-intimati li jilqghu l-ilma li jaqa' minn fuq il-bejt tar-rikorrent. Minn naha taghhom l-intimati qeghdin jilqghu ghat-talbiet tar-rikorrent permezz tar-risposta taghhom li fiha nnifisha hija spjegattiva tal-pretensjonijiet taghhom.

Dawn il-Qrati dejjem kienu konsistenti dwar x'inhuma l-elementi sabiex jintlaqa' mandat ta' inibizzjoni. L-elementi mehtiega sabiex jinhareg mandat ta' inibizzjoni huma principalment tnejn: Li *prima facie* jirrisulta li hemm dritt li jisthoqqlu li jkun imhares u li jekk ma jigix hekk imhares id-danni sofferti jkunu irrimedjabbli. Dawn huma zewg elementi kumulattivi u mhux alternattivi. Ghalhekk jekk jonqos xi element minnhom it-talba ghall-hrug ta' mandat ta' inibizzjoni ma tistax tirnexxi. (ara digriet fl-atti tal-M**andat ta' Inibizzjoni 794/2011/1 fl-ismijiet PF Steel ltd -vs- Tal-Herba Construction Ltd per Imhallef Mark Chetcuti tal-24 ta' Gunju 2011**).

Minn ezami tal-provi mressqa ai fini ta' dan ir-rikors, mir-risposta tal-intimati u anke mix-xhieda tal-Perit Louis Borg (ara para 21 u 22 tar-risposta a` fol 12) fis-seduta tas-6 ta' Marzu 2019, sa fejn jirrigwarda l-aperturi, jirrizulta li l-intimati ma huma ser jaghmlu xejn minn dak li qieghed jintima r-rikorrent fl-ewwel zewg lanjanzi tieghu enumerati (i) u (ii) tar-rikors tieghu. Jidher pero`, li sa fejn jirrigwarda kemm il-katusa u hajt divizorju, lanjanzi enumerati (iii) u (iv) fir-rikors tar-rikorrent, il-partijiet ma jaqblux. It-tnejn ghandhom posizzjonijiet differenti. Anke fix-xhieda tieghu, il-Perit Louis Borg meta gie biex jispjega xi zvilluppi dwar dawn iz-zewg vertenzi ma kienx daqstant kategoriku daqs kemm kien fil-kaz tal-aperturi.

Tqanqlet il-kwistjoni ta' drittijiet ta' propjeta' dwar il-hitan divizorji u kif ukoll jekk giex ezercitat id-dritt ta' appogg. Kwantu jirrigwarda l-katusa in kwistjoni tqanqlet ukoll il-kwistjoni jekk bix-xoghlijiet li ser isiru hux ser ikun kompromess it-tgawdija tas-servitu` ta' moghdija ta' din il-katusa li tinsab fil-fond servjenti tal-intimati b'mod partikulari l-fatt li din il-katusa ser tghaddi minn taht l-art (tergo a` fol 27 u a` fol 29). L-istess perit ikompli jixhed li l-hxuna tal-hajt sa tkun ferm inqas milli hu (tergo a` fol 69). Bil-mod kif ser jitwaqqa' l-intimati ser jirbhu aktar spazju. Kwistjoni li tincidi fuq il-proprjeta` tal-hajt.

Dawn kollha huma argumenti ta' natura sostantiva dwar id-drittijiet rispettivi tal-partijiet li jista' jkollhom valuri fil-kawza proprja dwar id-drittijiet rispettivi tal-partijiet, izda mhux ai fini ta' dan ir-rikors. Kif inghad aktar 'l fuq, l-ezitu

ta' dan ir-rikors huwa frott ta' apprezzament tal-gudikat, jekk jirrisultax mad-daqqa t'ghajn li min qieghed jitlob il-hrug tal-mandat ta' inibizzjoni ghandux dritt x'jittutela ai fini biss kawtelatorji sakemm jigi deciz fil-mertu il-pretensjoni dwar dritt sostantiv.

Issa, kif inghad minn din il-Qorti, kif diversament ippreseduta fil-kawza **"Camilleri vs Gove` et", deciza fl-10 ta' Mejju, 2001, fuq rikors numru 286/01**: "li mid-disposizzjoni tal-istess artikolu 836 jidher li l-unika ezami li trid taghmel din il-Qorti huwa dak biss ta' prima facie, u dan ghaliex il-mertu kollu jigi nvestigat fil-kawza proprja bejn il-partijiet, u ghalhekk hemm limitazzjoni sinifikanti fl-ezami li trid taghmel il-Qorti f'dan l-istadju, u dan tenut kont li hawn si tratta dejjem ta' procedura preliminari, li ghad qed tistenna l-ezitu finali tal-kawza proprja."

Il-Qorti qieset ukoll jekk dak li bi hsiebhom jaghmlu l-intimati sa fejn jirrigwarda din il-katusa u l-hajt divisorju huwiex wiehed irrimedjabbli. Bil-mod kif spjega l-perit, il-Qorti fehmet li una volta li jsiru x-xoghlijiet mhux ser ikun facli li jregga' kollox lura jekk fid-dritt sostantiv jinstab li l-intimati ma ghandhomx ragun. Din il-Qorti bl-irrimedjabbilta' tifhem, mhux biss fit-tifsira ta' impossibbilta` materjali izda ukoll, li anke jekk l-att jista' jitregga' lura, dan ser isir b'mod li ma jistax ikun ravvissibbli ta' x'jistghu jkunu l-effetti fuq id-drittijiet patrimonjali ta' dak li jkun.

Ghalhekk il-Qorti thoss li sa fejn jirrigwarda l-hajt divisorju u l-katusa inkwistjoni, l-esponent irnexxilu jipprova, li prima facie ghandu dritt u

pretensjoni x'jitutela. Dan qieghed jinghad minghajr beda riflessjoni dwar il-posizzjoni rispettivi tal-partijiet fil-kawza li hemm ghaddejja bejniethom.

Ghaldaqstant il-Qorti qeghdha taqta' u tiddeciedi r-rikors tal-imsemmi Joseph Avellino tal-20 ta' Frar 2019, billi fl-ewwel lok tikkonferma d-digriet provvizorju taghha tal-20 ta' Frar 2019 bil-limitazzjonijiet hawn taht imsemmija

u

Konsegwentement qed tilqa' definittivament it-talba tar-rikorrent kontra l-intimati u tordna ghalhekk il-hrug tal-mandat ta' inibizzjoni u dan limitatament ghall-hajt divizorju u katusi enumerati (iii) u (iv) rispettivament fir-rikors imsemmi.

Spejjes riservati ghal mal-gudizzju finali fuq il-mertu fil-kawza indikata fl-atti ta' dan ir-rikors.

**Moghti kameralment illum 13 ta' Marzu, 2019**

**Imhallef Toni Abela**

**Deputat Registratur**